MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2012

Numru 791/2012

**Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)
vs
Gerald Rapinett**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Gerald Rapinett ta’ 42 sena, imwieled nhar it-3 ta’ Gunju 1970 fil-Hamrun, bin il-mejjet Michael u Giovanna Darmanin u residenti Villa Cettina, Triq il-Mistra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 435570M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-1 ta’ Awwissu 2012 ghall-habta ta’ 02.00pm gewwa l-bajja tax-Xemxija limiti ta’ San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet fosthom headmike, leatherman, cheuque book u sikkina tal-bahar ghal ammont ta’ aktar min min €232.94 imma anqas min €2329.37 liema serq sar ghad detriment ta’ Edward Camilleri u jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-haga

misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, 267 u 271 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hadd iehor u cioe hsara fuq il-vettura ta' ghamla Landrover bin-numru ta' registrazzjoni bin-numru HBA232 liema hsara ma tiskorrix l-€116.47 u dan ghad dannu ta' Edward Camilleri jew persuni ohra.

Wettaq l-imsemmi delitt fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin inghatat lilha mil-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL.D) nhar l-24 ta' Awwissu 2009.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Awwissu 2012 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Awwissu 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-iktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 271, 281(a), 17, 31, 325, 28A sa H, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna li s-sentenza tal-24 ta' Awwissu 2009 moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-imputat gie kkundannat sena(1) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' tlett(3) snin millum tigi reza operattiva b'effett millum sabiex b'kollox l-imputat ghandu jiskonta sena(1) u disa'(9) xhur prigunerija.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema ta' abbuza mid-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------